IL-BIRGU

Città Vittoriosa


**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : www.birgu.gov.mt


---

**Minuti tal-Laqgha 09 (07)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 9 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill, fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta, 27 t'Ottubru, 2015 fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm).

Id-Disgha (09) Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha No 8 (07) u l-Kontinwazzjoni taghha**
- **Korrispondenza**
- **Hatra ta' Sotto Kumitat ghal Birgufest 2016**
- **Progetti ffinanzjati mill-EU**
- **Hatra ta' Agent Ezekuttiv**
- **Xoghlijiet approvati mill-MEPA fil-Berga ta' Franza**
- **Informazzjoni fuq il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages of the Mediterranean' li saret f'Cisternino**
- **Skeda ta' Pagamenti**

**Prezenti**

Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

**Skuzati**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall (marid), Il-Kunsillier Eman Zerafa (imsiefer)

---

**Talba**

Il-Vici Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 9(07).

**Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 8(07)**

Il-Minuti tat-Tmien (08) Laqgha u tal-Kontinuazzjoni taghha, tas-Sebgha Kunsill inqraw mis-Segretarju Ezekuttiv, u gew approvati b'mod unanimu.

**Arising**

- **Il-Vici Sindku, is-Sur Tevor Mizzi, ippropona li l-materja li kienet diskussa u deciza fil-laqgha precidenti rigward il-Birgufest 2015 ghandha tinqabez minhabba li din l-attivita' ghaddiet. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu ghall-proposta tal-Vici Sindku.**

- **Disinni Artistici ta' kif huma ppjanati li jigu rinovati l-Klabb tar-Regatta u l-Latrina Biswit** –Il-Kunsilleri Anton Gellel u Lawrence Attard urew ix-xewqa li jkunu jafu b'liema mezz kienet ser tigi ffinanzjata din ir-rinovazzjoni.

- **Spunt minn korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti minghand Noel Zammit (Heritage Malta)** –Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsilliera prezenti li ma sarx komunikat minn naha ta' Heritage Malta. Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jigi kkuntattjat is-Sur Noel Zammit tal-Heritage Malta rigward il-ftehim li kien sar dwar ix-xabla ta' La Vallette li skont l-istess ftehim kellha tittieheb biex tigi esposta f'wirja ulterjuri gewwa l-Belt.

- **Spunt minn korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti rigward Il-Konferenza tal-European Walled Towns li ser issir gewwa Ravenna (Italja) –** Il-Kunsillier Larry Attard informa lill-Kunsill li finalment kien hu li attenda din il-laqgha. Huwa spjega li waqt din il-konferenza hu kien gie avvicinat sabiex jigi pproponut li jinghata l-hatra ta' Vici President, liema proposta huwa m'accetax minhabba li hass li minhabba li l-bqija tal-karigi ufficcjali ta' din l-assocjazzjoni kien Maltin, kellu jkun hemm lok sabiex jinhatar ufficjal ta' nazzjonalita' ohra, kif filfatt sar, ghaliex inhatret persuna ta' nazzjonalita' Olandiza. Huwa kompla biex spjega li waqt din il-konferenza giet diskussa l-possibilita' li s-sala tal-Kunsill tigi uzata bi hlas mill-assocjazzjoni European Walled Town waqt l-attivitajiet mtella' tal-V18. Is-Segretarju Ezekuttiv issugerit lill-Kunsillier Attard sabiex jekk huwa

possibli jaghmel rapport bil-miktub ta' dak li kollu li kien ghadu kif informa lill-kunsill.

- **Progett WELCOME li Sar gewwa Taormina (Sqallija) –**Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-kunsilliera prezenti li ghall-konferenza ta' dan il-progett kienu eventwalment attendew is-Sur Brian Farrugia, Is-Sur JC Azzopardi, is-Sjra Lorraine Spiteri, is-Sindku is-Sur John Boxall u s-Sjra Lara Mascena, Ufficcjal Ezekuttiv (Kunsill Lokali Birgu). Is-Sindku u s-Sjra Mascena teghlu biss ghall-ahhar jumejn tal-konferneza min habba l-impenji tal-Birgufest.

- **Korrispondenza minghand Ritienne Stanyer dwar il-kwestjoni tal-appell li sar wara li l-MEPA irrifjutat l-applikazzjoni ghal kiosk fuq Belvedere–** Skont l-informazzjoni li wassal il-Kunsillier Lorry Attard lill-Kunsill irrizulta li l-izviluppatur bidel l-avukat tieghu, liema avukat talab formalment sabiex jigu nterrgati l-appellanti. Filfatt huwa ghamel talba sabiex fis-seduta tal-appell li ser issir fit-12 ta' Novembru, 2015, is-Sindku u/jew is-Segretarju Ezekuttiv jitilghu jixdhu sabiex jispjegaw ir-raguni tad-devjazzjoni li ma jaqblux li jigi zviluppat kiosk Fuq Belvedere. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li fil-perjodu li l-izviluppatur kien inghata l-appogg tal-Kunsill tal-Birgu, hija ma kienetx ghadha tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv u ghaldaqstant hi ma kienetx taf taghti risposta ghad-domanda tal-avukat tal-izviluppatur. Intant, il-Vici Sindku u l-bqija tal-kunsilliera prezenti qablu unaninament li huwa importanti li s-Sindku jkun prezenti waqt is-smiegh tal-appell sabiex ikun jista' jaghti r-ragunijiet tieghu f'isem il-Kunsill, ghaliex jista' jkun il-kaz li jekk ma jsirx hekk l-appell jintilef.

- **It-talba ghal Zieda ta-fanali fi Triq il-Mina l-Kbira**- Il-Kunsillera prezenti waqt il-laqgha talbu lis-Segretarju Ezkuttiv sabiex tara kienx hemm zvilupp f'din il-materja.

- **Kwotazzjoni ghall-Printer Gdid –** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri prezenti li ghalkemm hemm il-bzonn li jinxtara printer gdid, fil-prezent huwa kemmxejn difficji li jsir dan minhabba li kien hemm numru sostanzjali ta' kontijiet pendenti li kien ghad iridu jithallsu u ma hijiex ideja tajba li n-numru ta' kredituri jibqa' jikber.

- **Laqgha tas-Sindku mas-Sur Arthur Ciantar, President German-Maltese Circle** sabiex il-Kunsill jikkonsidera gemellagg taz-zaghzagh mal-Kunsill Lokali Korntal-Muenchingen, il-Germanja. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda zvilupp wara din il-laqgha.

- **Kwotazzjonijiet**
  Wara li gie deciz li jergghu johorgu l-offerti ghal dawn il-kwotazzjonijiet/tenders, b'dik tal-'Professional Services for Junior Science Club Animator', irrizulta li persuna wahda biss u li kienet eliggbli tefghat l-offerta. Intant, il-Junior Science Club xorta mhux ser isir minhabba nuqqas ta' konkorrenza minn naha tat-tfal. Filfatt in-numru ta' tfal li applikaw ghal din il-klassi kien biss ta' 7.

- **By-Law ghal Barbecues –** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li hija talbet lill-Avukat tal-Kunsill parir rigward dan is-suggett.

**Gbir tal-Iskart mill-Istabbiliment Kummercjali fil-Birgu** – ma kien hemm l-ebda zvilupp fuq din il-materja u fil-fatt ghadha m dahlitx fis-sehh. Il-Kunsillier Gellel informa lil dawk prezenti li hemm x'uhud mis-sidien tal-istabbilimenti li qeghdin joggezzjonaw. Huwa issugerixxa li din l-iskema ta' skart tidhol fis-sehh fis-sena l-gdida.

**Talba ghall-Impjieg ta' Skrivan (Skala 15) Full time fil-Kunsill Lokali tal-Birgu –** Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li minhabba li wara l-intervisti li saru ghal din il-pozizzjoni rrizulta li hadd mill-applikanti ma lahaq l-livell mixtieq, saret talba lill-ETC sabiex jipprovdu lista tal-Part 2 ta dawk li huwa eliggibbli ghal dan il-post. Fil-fatt, l-ETC ipprovdiet lill-Kunsill lista ta' 13-il kandidat, liema kanditati gew mitluba sabiex jattendu intervista fit-30 t' Ottubru, 2015. Sar qbil unanimu li l-Bord tal-Intervista kellu jkun kompost mis-Sindku, is-Sur John Boxall, is-Sinjuri Carmel Camilleri u Carmel Tabone.

**Il-progett 'Learning is Fun'Erasmus+ .** Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, li ha l-inkarigu tal-progett, informa lill-Kunsill li ma kien ghadu jistenna risposta.

**Spunt mis-sensiela ta' korrispondenza elettronika li giet diskussa fil-laqgha precidenti, bejn il-kumpanija tal-Accountants Nexia Bt u l-Kunsill Lokali tal-Birgu. –** Wara li giet diskussa l-materja rigward l-accountants li ghandu fil-prezent il-Kunsill, kif ukoll rigward il-kumpanija PR Turner li rebhu it-tender ghall-servizzi ta' accountant ghat-12 il-xahar li gejjin, ittiehdet decizjoni unanima li ssir laqgha bejn din il-kumpanija u l-Kunsill sabiex tigi stabbilita' id-data ta' meta dawn jibdew jaghtu s-servizz taghhom. Sar ukoll qbil unanimu li l-kunsill jinforma lil PR Turner Accountants bl-intenzjoni

tieghu, cioe' li l-kuntratt jidhol fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2016 sabiex is-sena 2015 li qeghdin kwazi fi tmiemha tigi maghluqha minn Nexia BT.

**Spunt minn sensiela ta' korrispondenza elettronika bejn il-Kunsill u l-Perit David Vassallo**, fejn gie diskuss mal-Perit Vassallo ix-xoghlijiet ta' rikonstruzzjoni fi Triq San Lawrenz li bdew fid-29 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li wiehed ghandu jiddiskuti ma' Transport Malta li sakemm dawn ix-xoghlijiet jitlestew u Triq il-Mina l-Kbira tigi two-way, hemm bzonn li l-parking f'din it-triq jitnehha b'mod temporanju. Intant, il-Kunsillier Lorry Attard esprima l-fehma teghu, cioe' li x-Xatt huwa wiesgha bizzejjed.

**Il-Kick off Meeting tal-Progett Let Us Not Forget.** Il-Kunsillier Lawrence Attard informa lil dawk prezenti li flimkien mar-rapprezentanza tal-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa, Bormla u tal-Isla, kien hemm rapprezentanza mill-Italja, Latvia u Litwanja. Huwa, f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu, attenda ghall-ftuh tal-bidu tal-ewwel konferenza LUNF. Huwa spjega li ghandha ssir laqgha bejn il-kunsilli kollha lokali nvoluti sabiex jigi deciz kemm ser jircievu finanzi minn dan il-progett. Informa lill-Kunsill ukoll li l-konferenza tal-gheluq ta' dan il-progett ser issir f'Malta.

**Spunt minn imejl ta'risposta li ntbaghtet minghand Isabella Testaferrata de Noto wara li din giet mitluba taghti raguni ghaliex ma kienet saret laqgha pubblika fis-sena 2013.** Il-Vici Sindku sahaq li l-kunsill ghandu jikkomunika mal-kumpanija Nexia BT sabiex jitlobhom biex sa l-ahhar tal-2015 il-kotba finanazjarji u d-dokumenti relatati tal-kunsill ikun aggornati halli ssir Laqgha Pubblika fl-ewwel xhur tas-sena 2016.

**KORRISPONDENZA**

1. **Posta eletronika minghand l-assocjazzjoni ALDA –** proposta sabiex il-Kunsill jissieheb fil-progett WE-NET li l-ewwel konferenza tieghu ser issir bejn it-12 u l-15 ta' Novembru, 2015 gewwa Thiene, l-Italja. Filwaqt li ntlahaq qbil unanimu rigward is-shubija f'dan il-progett, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti ghall-proposta sabiex nitolbu li nigu skuzati mill-ewwel laqgha. Dan ghaliex huwa ta' importanza kbira li s-Sindku jattendi s-smiegh tal-appell fuq il-kwestjoni tal-kiosk Fuq Belvedere, liema appell ser ikun jinzamm propju fit-12 ta' Novembru, 2015. Il-proposta tal-Vici Sindku giet unanimament approvata mill-kunsilliera prezenti.

2. **Fattura minghand webs.com.mt –** Fattura li ggib l-ammont ta' €179.36 li ntbaghat minn webs.com.mt ghal renewal tal-website tal-kunsill.

Din il-fattura giet approva b'mod unanimu mill-membri tal-kunsill prezenti.

3. **E-mail minghand Ritianne Stanyer –** din giet diskussa u mminutata aktar il fuq f'din il-laqgha.

4. **E-mail minghand Joe Scerri, Project Director, LUNF -** din giet diskussa u mminutata aktar il fuq f'din il-laqgha.

5. **Talba minghand l-Assocjazzjoni Birgu-Kalkara Creek –** talba ghal permess sabiex jigi nstallat DVR fil-latrina tat-Toqba u 2 cameras li jissorviljaw l-opra tal-bahar. Wara li giet diskussa din it-talba, il-membri tal-kunsill unanimanent laqghu din it-talba.

6. **Sensiela ta' posta eletronika bejn il-Kunsill u l-MTA –** il-Kunsill ircieva kopji tal-pjanti li kienu gew approvati fl-laqgha precidenti t-tlett landing sites fil-Birgu, parti mill-progett Grand Harbour Trail.

7. **Korrispondenza elettronika minghand Nexia Bt –** it-talba taghom, cioe' jekk humiex ser jibqghu jaghtu s-servizz taghhom sal-ahhar ta' din is-sena, jew humiex ser ikunu mitluba jieqfu immedjatament, giet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgha u minutata.

8. **E-mail elettronika minghand Anna Spiteri (IRMCo) –** fejn qeghda tistieden lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jattendi seminar OPEN SPACES li ser isir fis-6 ta' Novembru, 2015 gewwa l-MCAST. Ser jattendi dan is-seminar il-Kunsillier Attard.

9. **Sensiela ta' posta eletrronika bejn il-Kunsill u Caroline Navarro (GHM) –** giet diskussa t-talba ta' Caroline Navarro li f'isem GHM li wara li l-istess kumpanija kellha l-intenzjoni li taghti bhala donazzjoni s-somma ta' €1,000 ghall-attivita' tal-Birgufest 2015 mill-istess kumpanija, hi qeghda titlob li minn naha tieghu l-Kunsill jaghti permess biex isiru 10 parking spaces quddiem il-binja tal-casino il-gdid, liema parking spaces ikunu jappartjenu lil GHM u li jibqghu validi sa Mejju 2016. Bi qbil unanimu l-Kunsill Lokali tal-Birgu ihoss li dan il-gest huwa wiehed ta' rikatt. Intant, minn korrispondenza aktar ricenti rrizulta li wara li l-kunsill wera l-opinjoni tieghu fuq it-talba tal-GHM, permezz ta' email, l-istess kumpanija dehret li qed tikkonferma li d-donazzjoni mweghda kienet xorta ser tinghata.

10. **Kopja ta' E-mail mibghuta minn Silvio Frendo (DLG) u li giet mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv lill-membri kollha tal-Kunsill –** Is-Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda kopja tal-imejl li ntbaghtek ufficjalment mid-DLG fejn infurmha li li skond l-Att tal-Kunsill Lokali (Kap 363) wiehed ghandu johrog l-agenda ghall-laqgha tal-kunsill tal-inqas hamest ijiem ta' xoghol mid-data ta' meta tkun giet iffisata l-laqgha.

11. **E-Mail minghand Transport Malta rigward il-Mobility Week –** il-Kunsill gie infurmat li kien ser jinghata l-grant ta' €2,000 ghall-attivitajiet li kienu ser jittellghu fl-1 ta' Novembru, 2015 u li jikkoncernaw is-suggett. Intant, sfortunatament, din l-attivita' ma kienx possibli li titella' fl-1 ta' Novembru, minhabba li fil-gimgha ta' din l-attivita', il-Kunsillier Zerafa li kellu l-inkarigu minnha kien ser ikun imsiefer.

12. **E-mail mid-DLG –** li tirreferi ghall-Artiklu 33 (1) (1) tal-Att tal-Kunsilli Lokali (Kap 363) li jghid li " li jipproponi lill-Ministeru responsabbli ghall-edukazzjoni, persuni biex jinhatru bhala presidenti ta' kunsilli ta' skejjel primarji". Id-DLG qed ifakkar lill kunsill sabiex jimxi ma' dan l-artiklu, cioe' li jipproponi membru tal-kunsill lokali ghal din il-hatra. Intant, f'risposta ghal domanda parlamentari li kienet saret rigward din il-materja, filwaqt li l-Kunsill wiegeb li m'hemmx rapprezentant minn naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, wera x-xewqa wkoll li l-persuna li l-Kunsill xtaq jinnomina kien propju s-Sindku, is-Sur John Boxall.

13. **Invit permezz ta' e-mail lis-Sindku sabiex jattendi Forum Internazzjonali "Unity in Diversity" gewwa Firenze bejn il-5 u it-8 ta' Novembru,2015 –** Is-Sindku, is-Sur John Boxall ser ikun jattendi dan il-forum. Il-Vici Sindku u l-Kunsilliera kollha prezenti ghal-laqgha approvaw unanimament li s-Sindku jattendi din il-konferenza.

14. **Korrispondenza eletronika minghand Wasteserv rigward l-avveniment 'European Week for Waste Reduction' –** id-data tal-gheluq tal-applikazzjoni hi t-2 ta' Novembru, 2015. Gie nkarigat minn dan l-avveniment il-Kunsillier Eman Zerafa.

15. **Notifika mill-MEPA rigward apllikazzjoni li dahlet ghal bdil ta-permess ta' store ghal hanut Klassi 4B kif ukoll applikazzjoni ohra li qed jitolbu li jsiru alterazzjonijiet fuq residenza privata -** Il-kunsilliera prezenti hadu nota ta' dawn l-appikazzjonijiet.

16. **URBACT III Information Day Session –** din is-sessjoni ta' informazzjoni saret l-Erbgha 14 t' Ottubru, 2015. L-ebda membru tal-Kunsill ma seta' jattendi minhabba mpenji ta' xoghol.

17. **INVITI MIS-CDRT sabiex membri tal-istaff tal-Kunsill Lokali jattendu Sessjonijiet ghal-kors Electronic Public Procurement System –** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri prezenti tal-Kunsill, li minhabba s-sitwazzjoni prezenti, cioe' li hemm nuqqas ta'staff minhabba rizenja u mard fit-tul ta' mpjegata ohra, ma kienx possibbli li la hi lanqas Lara Mascena li jattendu. Intant hi nfurmat lill-membri tal-Kunsill li hi ghamlet kuntatt mad-Dipartiment rigward dan, u giet infurmata li ser jinfurmawha meta jkun hemm it-tieni sessjoni ta' tahrig.

18. **Talba minghand Norman Cilia La Corte -** fejn qed juri x-xewqa tieghu li fuq is-Sur tal-Posta ta' Kastilja, jaghmel gazebos tal-injam u jizviluppa din il-parti bhala cafetteria. Wara li din it-talba giet diskussa mill-membri tal-kunsill, b' mod unanimu gie deciz li m'ghandiex tittiehed decizjoni minn naha tal-kunsill fid-dawl li l-kunsill ma huwiex konxju ta' x'inhuma l-intenzjonijiet u l-fehmiet tal- bqija tal-awtoritajiet l-koncernati fuq din il-proposta tas-Sur Cilia la Corte.

19. **Risposta permezz ta' e-mail minghand is-Sjra Moira Azzopardi, Ufficcjal Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu –** Giet poggutha fuq il-mejda kopja korrispondenza li saret bejn is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sjra Azzopardi, fejn hi nfurmat lis-SE li kienet qeda taht kura tat-tabib u li dan tal-ahhar ordnalha li jkun ahjar li taghmel perjodu ta' mistrieh sakemm tkun tajba bizzejjed biex tirritorna ghax-xoghol. Is-Sjra Azzopardi ilha ma tidhol ghax-xoghol kawza ta' mard mit-2 t'Ottubru, 2015. Is-SE infurmat lill-membri tal-kunsill li fuq talba tas-Sindku hija ddiskutiet din il-kwestjoni kemm mad-DLG kif ukoll ma' mat-Tabib Xuereb. Id-DLG infurmaw lis-SE li kemm il-darba li c-certifkat mediku jindika li s-Sjra Azzopardi hija permessa li tohrog barra mid-dar, ma jistax jintbaghat tabib minn naha tal-kunsill minhabba li f'dan il-kaz ikun kaz ta' nuqqas ta' etika professjonali minn naha tat-tabib tal-kunsill. Hija kompliet biex iddikjarat li kienet infurmat lis-Sindku dwar ir-risposta li inghatat minn naha tad-DLG.

20. **E-mail minghand Desiree Scicluna Bugeja (iLEARN) lis-Sindku –** fejn tat id-dettalji tal-kors li kellu jsir fis-sala tal-kunsill ghall-ghalliema tal-

matematika u xjenza fit-23 ta' Ottubru, 2015. Filfatt din is-sessjoni ta' tahrig kienet ga saret meta ltaqa' il-Kunsill.

21. **Ittra m'ghand il-MEPA rigward l-applikazzjoni ghal Lift gewwa l-Berga ta' Franza –** l-applikazzjoni ghall-lift gewwa l-kunsill giet accetta.

22. **E-mail li tikkoncerna l-progett Intermeg Mediterranean Framework 2014 – 2020 –** Progett li jikkoncerna turizmu sostenibbli madwar il-kosta mediterranja. Korrispondenza li ntbaghtet minn naha tal-organizzazzjoni sabiex il-Kunsill ikollu ideja aktar car dwar x'jinvolvi dan il-progett.

23. **Ittra mill-MEPA –** Il-Kunsill gie nfurmat li s-somma li ghandu ghad-dispozizzjoni tieghi mill-Urban Improvement Fund hija ta' €18,751.96.

24. **Kopja ta' Dikjarazzjoni ta' Ftehim ffirmatha mis-Sindku, is-Sur John Boxall, li tikkoncerna l-progett LIFE 15 -** Wara li saret diskussjoni fuq dan il-progett fil-laqgha precidenti, is-Segretarju Ezekuttiv kienet giet mitluba mill-membri tal-Kunsill sabiex titlob parir minghand l-avukat tal-kunsill minhabba li fuq id-dokument tal-ftehim hemm mnizzel li l-ammont globali li l-kunsill irid johrog biex jigi mplimentat il-progett huwa stmat li jkun ta' €166,251. Is-SE infurmat lill-membri prezenti li l-ghada stess tal-laqgha precidenti hija kkuntajat lill-Avukat Formosa u li baghtitlu wkoll kopja tad-dokument. Infurmat ukoll lill-Kunsill, li l-ghada li kkuntattjat lill-avukat hija harget bis-sick leave u meta rritornat xi granet wara d-dokument kien lahaq gie ffirmat mis-Sindku u mibghut permezz ta' e-mail. Il-Vici Sindku u l-bqija tal-Kunsilliera qablu b'mod unanimu li tintalab aktar informazzjoni rigward dan il-progett lis-Sindku.

25. **Ittra mill-Kunsill lis-Segretarju tal-Klabb Regatta Birgu –** fejn il-Kunsill qieghed jitlob lis-Segretarju tar-Regatta Klabb Birgu l-approvazzjoni tal-istess kumitat sabiex titwaqqa' bicca bini fejn hemm il-bar fil-prezent. Intant sakemm din l-ittra giet poggutha fuq il-mejda tal-Kunsill, is-SE giet infurmata mill-membri tal-Kunsill li l-binja kienet giet mwaqqa'.

26. **Medfortis Project –** Is-Segretarju Ezekuttiv, fl-assenza tas-Sindku, infurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsill assocja ruhu bi shubija mal-progett Medfortis Project. F'dan il-progett, li ma jinvolvi l-ebda spejjez finanzjarji, hu nvolut fih ukoll l-Istitut ghat-Turizmu, Vjggar u Kultura (ITTC) u l-Faculty of Built Environment tal-Universita' ta' Malta. L-ghan ta' dan il-progett hu li jiffoka fuq kontribuzzjoni ghal ahjar ippjanar u mangement ta' destinazzjonijit turistici ma-kosta.

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv

27. **E-mail minghand Andrea Montanaro –** fejn qieghed jaghti spegazzjoni tal-Progett MED Programme, Cognition-Affection in Tourism for Cultural Heritage. Fil-korrispondenza tieghu, is-Sur Montanaro informa lill-vici Sindku, is-sur Trevor Mizzi, dak li jinvolvi dan il-progett; cioe' li kull entita' li tiddeciedi li tinvolvi ruhha fl-imsemmi progett, trid tkopri 50% tal-ispejjez involuti. Talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jinfurmah jekk huwiex interessat li jissieheb f'dan il-progett.

**<u>HATRA TA' SOTTO-KUMITAT GHAL BIRGUFEST 2016</u>**

Filwaqt li ntlahaq qbil unanimu li ghall-attivita' tal-Birgu Fest 2016 jinhatar sotto-kumitat sabiex b'hekk jonqos il-piz ta 'xoghol minn naha tal-Kunsill, intlahaq qbil unanimu wkoll li dan is-sotto-kumitat irid b'mod regolari u kontinwu jaghti rapporti ta' dak li jkun qieghed jigi ppjanat u attwat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, u l-Kunsilliera Lorry Attard u Anton Gellel ipproponew u qablu unanimament li l-persuni li aktar l-isfel ser ikun msemmija ikun parti minn dan is-sotto-kumitat.

Christine Catania Bonello, Mario Mifsud, Gavin Mizzi, Arthur Demarco, Paul Bezzina, Andy Catania u Alan Cassar.

**<u>Informazzjoni Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015</u>**

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier L. Attard u l-Ufficcjal Ezekuttiv Lara Mascena, huwa attenda ghall-konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterrean'. Huwa gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill tal-Birgu huwa inkluz fil-progett, ma huwiex membru fl-assocjazzjoni. Huwa gharraf lill-Kunsill li f'Cisternino hu tkellem mal-President ta' din l-assocjazzjoni Claudio Bacilieri fejn gie diskuss li f' Malta ma tezistix assocjazzjoni 'The Most Beautiful Villages in Malta'. Il-Vici Sindku ddikjara li huwa lest li jiehu l-inizzjativa u r-responsabilita' biex titwaqqaf assocjazzjoni lokali. Intant huwa ssugerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb fl-assocjazzjoni 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean'.

**<u>Hatra ta' Agent Segretarju Ezekuttiv</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill prezenti, li wara li kemm hija kif ukoll il-Kunsill, gew mgharrfa ufficcjalment permezz ta'ittra li hija kienet giet mahtura Agent Seg. Ezekuttiv b'effett mit-28 ta' Awwissu, 2015, hija kienet qeghda tkun fl-ewwel nofs ta' nhar ta' filghodu l-Kunsill u wara nofsinhar fid-DLG. Il-Kunsilliera gew infurmati wkoll li s-Sindku gie mgharraf b'dan l-arrangament mid-Direttur Carmel Abela. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll lill-Kunsill li ghalkemm hemm dan l-arrangament, ma jfissirx li jekk ikun bzonn il-prezenza taghha gewwa l-Kunsill f'hinijet

diversi minn dawk imsemmi aktar il' fuq hija ma kienet ser ma tkunx prezenti.

**Party tal-Milied ghat-Tfal tal-Lokalita'**

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lill-Kunsill li huwa mahsub li l-party tal-Milied ghat-Tfal ser isir il-Gimgha 18 ta' Dicembru, 2015, u li huwa ppjanat li jkun hemm zewg kategoriji ta' etajiet tat-tfal. Intant aktar dettalji ser jinghataw iktar il'quddiem.

**Skeda ta' Pagamenti**

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti. li tkopri c-cekkijiet bin-numri HSBC 9481 – HSBC9499, BOV2644 – BOV2713, u BANIF 48959. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata is-27 ta' Ottubru, 2015.

***Il-Laqgha 9(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8:15pm (tmienja u hmistax il-minuta ta' filghaxija).***

____________________ ____________________

| | |
|---|---|
| Tania Belfiore | Trevor Mizzi |
| Segretarju Ezekuttiv | Vici Sindku |

*Approvati llum* .................................................